



Brussell, 18 ta' Marzu 2019  
(OR. en)

6443/1/19  
REV 1

CADREFIN 90  
RESPR 13  
POLGEN 28  
FIN 143

**NOTA**

---

minn: Presidenza

lil: Kunsill

---

Suġġett: Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027  
- Rapport ta' progress

---

**I. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL**

1. F'Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat pakkett ta' proposti orizzontali dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għas-snin 2021 sal-2027 li kien jikkonsisti minn Regolament tal-Kunsill, Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, Deċiżjoni tal-Kunsill, żewġ Regolamenti tal-Kunsill, Regolament emendatorju tal-Kunsill dwar ir-Riżorsi Proprji tal-UE, Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.
2. Bejn Mejju u Ġunju 2018, il-Kummissjoni adottat 44 proposta settorjali li jikkomplementaw dan il-pakkett.
3. Matul il-Presidenza Bulgara u dik Awstrijaka, id-delegazzjonijiet bdew l-analiżi tal-proposti, u ħejjew 18-il approċċ ġenerali parzjali jew mandati parzjali. Intlaħaq ukoll qbil dwar ir-Regolament tal-Kunsill dwar Għajnuniet mill-Istat.

4. Waqt l-ewwel Kunsill Affarijiet Ġenerali taħt il-Presidenza tagħha fit-8 ta' Jannar 2019, il-Presidenza Rumena esprimiet l-intenzjoni tagħha li twettaq kemm jista' jkun progress fir-rigward tal-fajls settorjali.
5. Minn Jannar 'l hawn, ingħataw żewġ mandati parzjali oħra u approċċ ġenerali parzjali, rispettivament, għall-*Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali* (FEŻR), il-programm *InvestEU* u l-*Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni* (FEG).

## **II. RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENT EWROPEW**

6. Il-Parlament Ewropew diġà adotta pożizzjonijiet fl-ewwel qari dwar tliet proposti settorjali mingħajr ma beda negozjati mal-Kunsill: *Il-Programm għas-Suq Uniku, il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni*.
7. Il-Presidenza Rumena bdiet ukoll negozjati mal-Parlament Ewropew dwar 13-il fajl settorjali relatati mal-QFP, abbażi tal-approċċi ġenerali parzjali rilevanti jew il-mandati parzjali rilevanti.
8. Fis-27 ta' Frar 2019, il-COREPER approva l-approċċ propost tal-Presidenza biex jiġi konsolidat il-progress li sar mal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-possibbiltà li tintbagħat ittra lill-Parlament Ewropew biex jirrikonoxxi l-progress.
9. Mingħajr preġudizzju għall-eżitu finali tan-negozjati orizzontali dwar il-QFP, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill issa jikkondividu l-interpretazzjoni komuni dwar sitt fajls settorjali, jiġifieri *l-Ewropa Diġitali, il-Fond Ewropew għad-Difiża, il-Programm Spazjali, il-Programm Drittijiet u Valuri, il-Programm Ġustizzja*, u *l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa*.
10. Il-Presidenza hija impenjata bis-sħiħ biex fil-ġimgħat li ġejjin tkompli n-negozjati u ssib interpretazzjonijiet komuni ulterjuri mal-Parlament Ewropew.

---

<sup>1</sup> dok. ST 6428/1/19 REV1

11. Il-COREPER huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex:

- jieħu nota tal-progress miksub; u
  - japprova l-ittra fl-Anness I, li għandha tintbagħat ma' dan ir-rapport flimkien mal-Anness II (lista ta' fajls ikkonċernati) mill-Presidenza fisem il-Kunsill lill-Parlament Ewropew.
-

**Abbozz ta' ittra mill-Presidenza lill-Parlament Ewropew**

[Indirizz]

L-istess bħall-Parlament Ewropew, il-Kunsill għamel ħiltu kollha biex javvanza kemm jista' jkun il-ħidma fir-rigward tal-proposti relatati mal-QFP għall-programmi settorjali li kienu ppreżentati lill-Kummissjoni tard fir-rebbiegħa 2018.

B'riżultat ta' dan, għal għadd sinifikattiv ta' proposti l-koleġislaturi setgħu jibdew in-negozjati qabel l-elezzjonijiet Ewropej. Fir-rigward ta' bosta proposti, ħidma teknika dettaljata u skambji politiċi ambizzjużi għamluha possibbli li tinstab interpretazzjoni komuni bejn in-negozjaturi, filwaqt li elementi fil-parentesi tħallew barra mill-ambitu tan-negozjati. L-interpretazzjonijiet komuni ġew ikkonfermati mill-Kunsill.

Ir-rapport ta' progress fl-Anness huwa xhieda tal-isforzi li saru miż-żewġ naħat biex ikun hemm ħidma kostruttiva, bl-interessi taċ-ċittadini Ewropej fil-qalba ta' kollox.

Aħna konvinti li livell ta' ċertezza dwar il-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi ser jgħin lill-partijiet ikkonċernati jibdew it-tnejniet sabiex ikun hemm lok għal impatt f'waqtu tal-għodod ta' investiment tal-Unjoni diġà mill-bidu tal-QFP il-ġdid. Avvjament bil-mod ta' dawn il-programmi jkollu effett negattiv fuq l-impjiegi u t-tkabbir mal-Unjoni kollha.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistenna li n-negozjati mal-Parlament Ewropew li jmiss jibdew kemm jista' jkun malajr bil-ħsieb li jkunu ffinalizzati abbażi tal-progress li sar diġà kif rifless fl-interpretazzjonijiet komuni, mingħajr preġudizzju għal, u skont, l-eżitu finali tan-negozjati dwar it-testi sħaħ għall-QFP 2021-2027.

[Tislijiet u firma]

Anness:

- Rapport ta' progress (dok. ST 6443/1/19 REV1) u l-anness tiegħu (lista ta' interpretazzjonijiet komuni miksuba u mistennija, referenza għal negozjati li għaddejjin) li juri s-sitwazzjoni attwali fir-rigward ta' fajls settorjali relatati mal-QFP.

## INTERPRETAZZJONIJIET KOMUNI

|   |                                |                   |
|---|--------------------------------|-------------------|
| 1 | Programm Ewropa Diġitali       | ST 7058/19        |
| 2 | Programm Spazjali              | ST 7481/19        |
| 3 | Fond Ewropew għad-Difiża       | ST 6733/1/19 REV1 |
| 4 | Programm dwar il-Ġustizzja     | ST 7248/1/19 REV1 |
| 5 | Programm Drittijiet u l-Valuri | ST 7249/1/19 REV1 |
| 6 | Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa  | ST 7207/1/19 REV1 |
| 7 | LIFE <sup>2</sup>              | ST 7479/19        |

## INTERPRETAZZJONIJIET KOMUNI MISTENNIJA BEJN IL-11 U L-21 TA' MARZU 2019

|    |                               |
|----|-------------------------------|
| 8  | Programm għad-Dwana           |
| 9  | Tagħmir ta' Kontroll Doganali |
| 10 | Fiscalis                      |

## NEGOZJATI OĦRA LI GĦADDEJJIN DWAR IL-FAJLS SETTORJALI RELATATI MAL-QFP

|    |                                                        |
|----|--------------------------------------------------------|
| 11 | Orizzont Ewropa (Regolament)                           |
| 12 | InvestEU                                               |
| 13 | Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (xi elementi) |

---

<sup>2</sup> Għadu mhux ikkonfermat mill-COREPER